

Paġna Ewlenija > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Tal-artijiet Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > Austria

## Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn Awstrija

Awstrija



Din il-paġna tagħtik ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru tal-artijiet fl-Awstrija.

### X'joffri r-reġistru tal-artijiet Awstrijak?

Ir-reġistru tal-artijiet (*Grundbuch*) jipprovdi tweġibiet għal mistoqsijiet kemm legali kif ukoll fattwali. Fih informazzjoni dokumentata dwar it-tranżazzjonijiet kollha tal-proprietà li huma legalment vinkolanti fl-Awstrija.

Ir-reġistru tal-artijiet u l-arkivju tad-dokumenti elettroniċi tiegħu jistgħu jiġu kkonsultati permezz tal-qradi, in-nutara, l-avukati u ċerti ditti deżinjati magħrufa bħala *Verrechnungsstellen*.

### L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess jinvolti ħlas ċkejken lill-qorti, lin-nutar, lill-avukat jew lil waħda mill-*Verrechnungsstellen*. Il-*Verrechnungsstellen* huma elenkati fil-paġna ewlenija tal-[Ġustizzja Awstrijaka](#) taħt *Service -> Datenbanken -> Grundbuch -> Grundstücksdatenbank*.

### Kif tagħmel tiftix fir-reġistru tal-artijiet

Meta ddaħħal in-numru tal-municipalitá katastali (*Katastralgemeinde*) u n-numru tal-entrata (l-*Einlagezahl* jew "EZ") jew in-numru tal-plott (*Grundstücksnummer*), tista' tikseb l-informazzjoni li ġejja mill-bażi tad-*data*:

- Estratti kurrenti u storiċi mir-reġistru tal-artijiet
- Estratti mill-indiċi awżiljarji (*Hilfsverzeichnisse*)

Din l-informazzjoni tinkludi r-rekords validi kollha. Fuq talba, tista' tikseb anki d-*data* li tkun tħassret sakemm din tkun iddaħħlet wara l-bidla tar-reġistru għall-verzjoni elettronika. Id-*data* l-antika hija disponibbli fuq il-karta biss.

Ir-reġistru ewlieni, il-ġabra tar-rekords u l-indiċi awżiljarji huma pubbliċi. Hemm restrizzjonijiet stretti fuq l-aċċess għall-informazzjoni meta tfittex biss għal sidien individwali. Jekk tista' tipprova li għandek interess ġuridiku, tista' twettaq tali tfittxija permezz tad-dipartiment tar-reġistru tal-artijiet tal-qorti distrettwali (*Bezirksgericht*).

### L-Istorja tar-reġistru tal-artijiet

Minn madwar l-1870 sal-1992, ir-reġistri tal-artijiet inżammu fuq il-karta. Bejn l-1980 u l-1992, ir-rekords ġew ittrasferiti fil-bażi tad-*data* tar-reġistru tal-artijiet. Saret migrazzjoni tar-reġistru tal-artijiet lejn programm ġdid fis-7 ta' Mejju 2012 u minn dakinhar ġie żviluppat u awtomatizzat aktar.

L-aħħar aġġornament: 26/10/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull

informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.